# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tnejn (2) ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 16/16 FDP**

**Ryan Mercieca**
**(ID 539988M)**

**vs**

**Josef Caruana**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-29 ta' Jannar 2016 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti,

> *prevja dikjarazzjoni li permezz ta' pubblikazzjoni intitolata "Stilla" tal-PN f'tahwida dwar 'fondi tal-UE', ghal-liema pubblikazzjoni il-konvenut f'ismu u bhala l-editur tal-gurnal 'It-Torca' huwa responsabbli, liema pubblikazzjoni ghandha l-ghan li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tal-attur billi tikkontjeni ritratt tal-istanti bil- caption "Il-borma mhawra' mill-kandidat Ghawdxi Ryan Mercieca baqghet tbaqbaq fl-Assocjazzjoni tal-NGOs wara li ma kienx kapaci jforni dokumentazzjoni bhala Segretarju tal-Kunsill"; inti tajt malafama lill-attur, thallas dik is-somma li tigi minn din l-Onorabbli Qorti stabbilita f'ammont ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87) u dan fit-termini tal- Artikli 23, 24A u 28 tal-Att dwar -Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Bl- ispejjez kontra I-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna esebit mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur li jibda fil-pagna ta' quddiem il-gurnal It-Torca fejn, mal-gemb tat-titolu ' **"Stilla" tal-PN f'tahwida dwar "Fondi tal-UE"** ', hemm ritratt tar-rikorrent u storja illi sussegwentement tkompli fil-pagna numru 5 taht titolu '**Tahwida majna**', u tghid dan li gej:

*Il-"borma mhawra" mill-kandidat Ghawdxi Ryan Mercieca baqghet tbaqbaq fl-Assocjazzjoni tal-NGOs wara li ma kienx kapaci jforni dokumentazzjoni bhala Segretarju tal-Kunsill.*

***Ryan Mercieca, il-kandidat żagħżugh li digà hu kkonfermat mill-Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista ghall-Elezzjoni Generali li gejja, qed jirrifjuta talba li saritlu minn membri bhalu fil-Kunsill tal-Assocjazzjoni tal-Ghaqdiet Mhux Governattivi (NGOs) f'Ghawdex biex jghaddi certa dokumentazzjoni li tirrigwardja finanzi.***(sottolinjar tar-rikorrent) *Sorsi infurmati tajjeb qalu lit-TORCA li t-talba lil Mercieca, li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju fl-istess Assocjazzjoni, saret wara "diskrepanza f'fondi Ewropej"*

***Tahwida Manja***

*"Peress li sal-lum (Mercieca) m'ghadda l-ebda dokumentazzjoni, tqajjmu dubji serji dwar kemm kien qed jokkupa din il-kariga b'mod onest," qalulna s-sorsi. L-Assocjazzjoni tal-NGOs hi responsabbli ghal tqassim ta' fondi Ewropej fost tali ghaqdiet Ghawdxin, waqt li tghinhom japplikaw ghal flejjes addizzjonali biex jirrealizzaw progetti partikolari li jkollhom.*

*Jidher li din il-manuvra ta' Mercieca, li ghandu l-appogg shih tal-eks-Ministru Giovanna Debono, hi biss wahda minn sensiela li sehhew fl-ahhar gimghat u xhur, u dan hekk kif kienet qieghda toqrob l-elezzjoni ghal kunsill gdid tal-Assocjazzjoni, li jibqa' jservi sal- 2018, is-sena tal-elezzjoni. Fil-fatt jidher car li, kif digà żvelat fl-ORIZZONT fit-13 ta' Jannar li ghadda, l-iskop ahhari ta' Mercieca kien li l-pożizzjoni tkun tista' tiffavorih ahjar fuq kandidati ohrajn fit-13-il Distrett minn qabel il-kampanja elettorali.*

*Kif jistipula l-istatut tal-Assocjazzjoni, kull tliet snin trid issir elezzjoni biex jinhatar kumitat gdid. Ghaldaqstant, skont il-procedura aktar kmieni dan ix-xahar, inhatret kummissjoni elettorali mmexija minn certu Robert Farrugia. Gara, iżda, li minkejja li sad-data ta' skadenza (15 ta' Jannar li ghadda) intefghu 13-il nomina, il-kummissjoni cahdet ghaxra minnhom ghal ragunijiet varji. Ghal din ir-raguni l-elezzjoni ma setghetx issir ghax l-istatut jistipula li jrid jkun hemm hames membri fil-kumitat li jmexxi l-Assočjazzjoni. Minkejja dan, ittiehdet id-decizjoni li l-istess 13-il applikant jifformaw kumitat care taker ghal perjodu ta' tliet xhur.*

*Sorsi li kellmu lit-TORCA sahqu li din hi deciżjoni redikola, "la ghaxra mill-kandidati ma kellhomx rekwiżiti biex jikkontestaw, kif qatt jistghu jservu fuq kumitat provizorju."*

*Mercieca, li kien fost in-nominati, nizzel fin-nomina tieghu li hu rappreżentant ta' Chorus Angelicus, il-kor mill-parrocca tax-Xaghra. Iżda taghrif ghand din il-gazzetta, jghid li hadd mill-kor ma kien jaf li Mercieca tefa' xi nomina f'ismu, lanqas l-Arcipriet tax-Xaghra stess. Minflok saru jafu biss mir-rapport li deher fl- ORIZZONT gimgha u nofs ilu, xi haga li urtat bil-kbir lill-kor u anke lix-Xaghrin.*

*L-istess sorsi qalulna li din ma kinitx I-ewwel darba li Mercieca ghamel mossa simili. "Mercieca kkontesta fuq isem t'ghaqda ohra li qatt ma kienet taf li dan qed jirrappreżentaha u dan bla permess tal-kumitat taghha.* ***Fil-fatt din l-ghaqda qatt ma rceviet xi tip ta' korrispondenza minghandu li tindika l-intenzjonijiet tieghu (ta Mercieca).. qatt ma seta kien qed jirrappreżentaha".***(sottolinjar tar-rikorrent)

*Hu mifhum li dawn il-manuvri kollha qed isiru fl-isfond li l-kumitat provizorju issa jrid jaghmel bdil fl-istatut tal-Assočjazzjoni, biex persuni prominenti li jkunu involuti jew ikunu se jinvolvu ruhhom fil-politika ma jkunux jistghu jikkontestaw l-elezzjonijiet, xi haga li ovvjament Mercieca ma jaqbilx maghha.*

*Fil-fatt jirriżulta li l-ahhar laqgha generali annwali tal- Assocjazzjoni nholqot hafna tensjoni u battibekki.*

*Sadanittant, fi stqarrija, ic- Cirolo Gozitano cahad li ghandu xi fergha taż-zghażagh u "ghalhekk kwalunkwe applikazzjoni jew rappreżentanza f'isem sezzjoni simili fi kwalunkwe ghaqda, organizzazzjoni jew fora ohra hi kompletament fittizja u m'ghandha l-ebda awtorizzazzjoni mill-kumitat tac-Circolo Gozitano". Ic-Circolo wkoll wissa li jirriserva d-dritt li jiehu kull azzjoni legali kontra min jidher f'isem meta mhux awtorizzat.*

*Fir-rapport ippubblikat minn L-ORIZZONT aktar kmieni dan ix-xahar inghad li Mercieca u Saviour Grech, li huwa kanvażer ewlieni tieghu,* ***ittantaw jitfghu n-nomina ghall-kunsill tal Assocjazzjoni f'isem fergha taż-żghażagh ineżistent taċ-Circolo Gozitano*** (sottolinjar tar-rikorrent)

Rat tlett artikoli ohra, ippubblikati wara illi bdew il-proceduri odjerni, ossija '**Jirnexxilu "jghosfor" anke Karita**" ippubblikat fil 31 ta' Jannar 2016 (fol 11), "**Ryan Mercieca kien jitlob personalment il-flus lill-ghaqdiet**" ippubblikat fit 2 ta' Frar 2016 (fol 13) u " **"Tahdiwd" taht investigazzjon**i" ippubbliakt fl-14 ta' Frar 2016, u r-rikorrent talab lill-Qorti tiehu konsiderazzjoni ta' dawna l-artikoli wkoll fit-talba promotur. (fol 9)

Rat l-artikolu '**Jirnexxilu "jghosfor" anke karita**' ippubblikat fil-faccata tat-Torca tal-Hadd 31 ta' Jannar 2016 (fol 11 u 201), li jghid is-segwenti:

*Wara tal-Assocjazzjoni tal-NGOs, Ryan Mercieca, il-kandidat gdid Ghawdxi tal-PN,* ***jispicca involut ukoll f'bawxata finanzjarja ohra bhala ufficjal ta ghaqda differenti Ghawdxija .... mijiet ta' ewro li kienu mweghdin b'karità bagghu qatt ma waslu.*** (sottolinjar tar-rikorrent)

*Il-kandidat "stilla" tal-Partit Nazzjonalista ghall-elezzjoni generali li jmiss, Ryan Mercieca, hu involut direttament f'kontroversja ohra finanzjarja, skont taghrif li rnexxielha tikseb it-TORCA fl-ahhar jiem.* ***Wara l-kwistjoni ta' tahwid f'dokumentazzjoni relatata ma' fondi Ewropej fl-Assocjazzjoni tal-NGOs fil-pożizzjoni tieghu ta' Segretarju, jidher li, bhala ufficjal ta' ghaqda ohra Ghawdxija, kien involut biex "ghosfru" mijiet ta' ewro destinati biex jikkontribwixxu f'attività tal-karità.***(sottolinjar tar-rikorrent)

*Mindu nghata I-barka mill-Eżekuttiv tal-PN biex ikun fuq l-ewwel lista ta' kandidati "friski" Nazzjonalisti, Mercieca beda jindiehes sew f'aktar ghaqdiet u organizzazzjonijiet fil-gżira-oht. Dan bil-ghan li jservuh ta' pjattaforma tajba sal-2018, is-sena meta hi skedata li ssir l-elezzjoni li jmiss.*

*B'imbottatura kbira anke mill-eks-Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono u issa anke minn nies tal-eks-Ministru Anton Tabone, Mercieca kien qed isibha xi ftit ehfef f'dan ir-rigward. L-affarijiet inbidlu harira meta d-Deputat Chris Said gie sforzat ma jikkontestax darba ohra ghal Segretarju Generali tal-Partit u, minflok, inghata l-inkarigu ta' kelliem ufficjali ghall-gzira.*

*Jidher, iżda, li minn dak iż-zmien ‘l hawn l-inkwiet ma waqafx jigri wara Mercieca.*

*Fl-ahhar bawxata tieghu, Mercieca, li jokkupa l-kariga ta' "Projects Manager" tal-Kunsill Ghawdxi taż-Zgha- zagh (GYC), kien involut di- rett biex is-sena l-ohra tigi organizzata attività sportiva, li d-dhul kollu minnha gie mwieghed lil ghaqda li tahdem b'riżq dawk inqas ixxortjati fis-socjetà. Taghrif lit-TORCA jishaq li l-organizzaturi kienu qalu li mill-attività ngabru 800, somma li kellha tinghadda kollha kemm hi ghall-karità. Minkejja dan, jirriżulta li meta din kienet se tigi ppreżentata f'attività f'Ghawdex tal-istess ghaqda karitattiva, rappreżentanti tal-GYC ippreżentaw irwiehhom b'envelopp vojt f'idejhom. Jirriżulta li, ghalkemm ma kellhom xejn x'joffru dak il-hin, informaw lill-ghaqda tal-karità li kienu se jghaddulhom somma ‘l quddiem bhala donazzjoni. Peress li ma kienx hemm ghotja ta flus ma nhargitilhomx l-ircevuta, lanqas.* ***Is-somma li giet imsemmija dakinhar jidher li lanqas kienet ta' €800, izda ta' €500. Mhux maghrufa r-raguni ghalxiex din id-diskrepanza ta' €300 mill-gabra originali.*** (sottolinjar tar-rikorrent)

*Minn stharrig li kompliet taghmel it-TORCA, jirrizulta li sa din il-gimgha stess lanqas il- € 500 ma kienu ghadhom inhargu mill-Kunsill Ghawdxi taż-Zghażagh biex imorru ghall-kawża li ghalihom ingabru. X’hin saru mistoqsijiet dwar x'gara anke minn din is-somma, il-protagonisti qalu li "l-ammont intilef”.*

*Bhal-lum gimgha zvelajna kif Mercieca ntalab minn kollegi fl-Assocjazzjoni tal- NGOs Ghawdxin biex jipprovdi dokumentazzjoni b'rabta ma’ hrug ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, wara li nstab li kien hemm xi diskrepanzi. Xi haga li ma jidhirx li ghamel. L-Assojazzjoni hi responsabbli biex tqassam eluf kbar ta' fondi Ewropej fost ghaqdiet mhux governattivi.*

*Lanqas il-Ministeru ghal Ghawdex m'ghandu tali fakultà li jista' jaghmel dan.*

*"Ghaldaqstant il-pożizzjoni ta' Segretarju fi hdanha, zgur kienet qed tghinu (lil Mercieca) biex isahhah il-popolarità tieghu fil-gzira," qalulna sorsi mill-gzira.*

*F'nofs dan ix-xahar kellha ssir elezzjoni ghal kunsill gdid tal-Assocjazzjoni fejn Mercieca kien mhux biss qed jittama li jerğga' jigi elett hu, imma mieghu wkoll jigi elett kanvażer tieghu (Saviour Grech). It-tnejn jinghad li ppreżentaw rwiehhom bhala nominati mill-kor tal- parrocca tax-Xaghra, il-Chous Angelicus, wara li kien fallielhom tentattiv li jitfghu I-kandidatura f'isem fergha inezistenti ta' ghaqda aktar prominenti f'Ghawdex.*

*Minkejja dan, kemm il-kor imsemmi kif ukoll I-Arcipriet tax-Xaghra stess ma kinux jafu b'dan u gew mgharrfin biss bil-manuvri malizzjuzi ta' Mercieca u siehbu mir-rapport ta' L-ORIZZONT gimaghtejn ilu.*

*Skont gozoyouthcouncil. com, il-websajt ufficjali tal-Kunsill Ghawdxi taż-Zghażagh, dan tal-ahhar ukoll jinkludi bhala membru lill-istess Chorus Angelicus.*

*Jirriżulta li fost manuvri ohrajn tieghu biex jikkapparra I-Kunsill taż-Żghażagh, Mercieca kien gieghel lil habib tieghu, Mark Schembri, biex jilhaq President. F’tali okkażjoni, Schembri kkontesta f'isem ghaqda Ii ma kinitx awtorizzat li dan jidher f'isimha, tant li wara ftit l-arma taghha tnenhiet mill-websajt tal-GYC.*

*"Skont l-istatut (Schembri) qed jokkupa din il-kariga illegalment," qalu s-sorsi.*

*Ghalkemm hadd ma rreagixxa minnufih ghall-istorja tal-gimgha li ghaddiet, is-sorsi taghna sahqu li "nqala pandemonju" f'Ghawdex biha. Kien jumejn biss ilu li Mercieca fetah proceduri legali kontra din il-gazzetta. Fi stqarrija personali, Mercieca habbar passi gudizzjarji kontrina ftit sighat biss li bghattna sensiela ta' mistoqsijiet dwar dan il-każ lill-ufficjal tal-PN responsabbli mil komunikazzjoni.*

*Fl-istqarrija tieghu ppubblikata lbierahtlula, Mercieca jishaq li ha l-passi "biex niddefendi ismi minn kull danni, waqt li se nibqa' nirsisti ma' shabi fi hdan il-PN biex ebda forma ta' intimidazzjoni jew ingann ma twaqqaf il-hidma taghna b'direzzjoni ghal Ghawdex".*

*Madwar tliet sighat qabel, din il-gazzetta ttantat tikseb reazzjoni mill-Kap tal-Oppozizzjoni Nazzjonalista Simon Busuttil bit-tama li jkollna risposta dwar jekk ghadux iqis lil Mercieca bhala kandidat promettenti, jekk ghadux fil-fatt kandidat ufficjali tal-PN u saritx konfrontazzjoni mieghu bil-ghan li jiččara l-pożizzjoni wara dak li gie żvelat, fost ohrajn.*

*Dawn il-mistoqsijiet u aktar bagghu mhux imwegbin.*

Rat parti mill-artikolu ippubbliat fil-faccata tat-Torca fil-harga taghha tas-7 ta' Frar 2016 intitolat "**Ryan Mercieca kien jitlob personalment il-flus lill-ghaqdiet**" (fol 13 u 203) li kien jghid li gej:

*Sorsi li tkellmu mat-Torca qalu li l-kandidat "stilla" tal-Partit Nazzjonalista ghall-elezzjoni Generali li jmiss, **Ryan Mercieca, li jokkupa l-kariga ta' Segretarju ghall-Assocjazzjoni tal-Ghaqdiet Mhux Governattivi Ghadwxin, allegatament kien personalment jitloib il-flus lill ghaqdiet biex skond kif kien iwieghdhom, japplikalhom ghall-fondi.***(sottolinjar tar-rikorrent)

*Mercieca ghamel dan minkella li skond it-twegiba li l-Assocjazzjoni stess baghtet lit-TORCA, din ma tqassam l-ebda forma ta' fondi lil ghaqdiet li huma affiljati maghha.*

*Skond l-Assocjazzjoni stess, kulma taghmel hu li, bhal entitajiet ohrajn mhux governattivi, tapplika ghall-ghajnuna taht diversi skemi li minn zmien ghal zmien doversi istituzzjonijiet joffru lill-ghaqdiet mhux governattivi.*

***Izda sorsi li tkellmu mat- TORČA qalu li dawn il-flus mitlubin minn Mercieca, eventwalment wasslu lill ghaqdiet biex jigihom suspett f'dak li kien qed jaghmel f'din il-kariga. Ghal din ir-raguni huma staqsew lil Mercieca x'sar minn dawn il-fondi waqt il-Laggha Generali Annwali tal-Assoćjazzjoni.*** (sottolinjar tar-rikorrent)

*Din l-Assocjazzjoni spiccat taht il-lenti wara dak li rrapportat din il-gazzetta ftit tal-gimghat ilu, meta gie żvelat li Mercieca naqas milli jghaddi certa dokumentazzjoni lill-membri tal-istess Assocjazzjoni. Mercieca ghamel libell il din il- gazzetta dwar l-artiklu.*

*Sorsi spjegaw lil din il-gazzetta li Mercieca, ghandu l-appogg shih tal-eks-Ministru Giovanna Debono qieghed jinvolvi ruhu f'diversi ghaqdiet Ghawdxin. Dan bl-iskop ahhari li Mercieca jkun f'pożizzjoni li tiffavorieh fl-elezzjoni generali li gejja fuq il-kandidati Nazzjonalisti l-ohra li se jikkontestaw fit-13-il distrett.*

*Intant, minn meta giet żvelata din l-istorja, jirriżulta li Saviour Grech inhatar bhala I-President il-gdid tal- Assočjazzjoni wara l-laggha Generali Annwali. Sorsi qalu lil din il-gazzetta li Grech huwa canvasser ta Mercieca u ghaldaqstant kien imbuttat minnu biex jiehu din il-kariga. Infatti t twegiba tal-Assocjazzjoni biex tichad ir-rapport li deher f'din il-gazzetta harget minn meta Grech inhatar f'din il-kariga. Ir-risposta bhala tweğiba nkitbet mill- Avukat Alfred Grech.*

*Il-process biex saret l-elezzjoni ma kienx facli u dan hekk kif inizjalment l-elezzjoni ma saritx, hekk kif minn 13-il nomina, ghal ragunijiet varji gew michudin ghaxar nomini. B'hekk l-elezzjoni ma setghetx issir.*

*Intant, it-twegiba li l-Assojazzjoni baghtet bhala dritt ghar-risposta tghid hekk: "L-Assocjazzjoni ma tqassam l-ebda forma ta' fondi lill-ghaqdiet li huma afijlati maghha. Kull ma taghmel l-Assocjazzjoni hu li bhall-entitajiet ohrajn mhux governattivi tapplika ghall-ghajnuna taht id-diversi skemi li minn żmien ghal zmien diversi istittuzzjonijiet joffru lill-ghaqdiet mhux governattivi. II-fondi li l-Assocjazzjoni tircievi minghand l-entità li tkun nediet l-iskema jigu uzati biex jkun jista' jigi implimentat il-progett."*

*"Sadanittant, kull rapport finanzjarju konness ma' xi progett partikolari, kif ukoll ir-rapport finanzjarju annwali tal-istess Assocjazzjoni jigu awditjati minn awditur indipendenti. Wara dawn l-istess rapporti awditjati jigu ippreżentati, diskussi u approvati waqt il-Laqgha Generali Annwali tal-Assocjazzjoni. Kif eżattament gara nhar il-Gimgha, 15 ta' Jannar 2016, waqt il-Laghha Generali Annwali tal-Assocjazzjoni tal-Ghaq-diet mhux governattivi Ghawdxin, fejn ir-rapporti finanzjarji u amministrattivi kollha gew approvati b'mod unanimu."*

*"II-Kunsill li gie elett b'mod unanimu, waqt' il- Laqgha Generali Annwali tal-Assocjazzjoni li saret nhar il-Gimgha, 15 ta' Jannar huwa kunsill elett ghal tliet snin (2016-2018) skont l- istatut eżistenti tal-Assocjazzoni u mhux wiehed care taker, kif b'mod żbaljat gie rilevat fl-imsemmi artiklu. Liema laggha sehhet f'atmosfera ta' diskussjoni haija u kostruttiva li bhala konklużjoni taghha gie unanimament approvat ..."*

Rat l-artikolu intitolat " **"Tahwid" taht investigazzjoni** " ippubblikat fil-harga tat-Torca tal-14 ta' Frar 2016 fejn jinghad is-segwenti: (fol 15 u 205)

***II-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji ordna t-trażżin tal-Assoccjazzjoni tal-NGOs Ghawdxin fejn huwa involut il-kandidat ġdid tal-PN Ryan Mercieca, wara li beda jisthareg ilmenti dwar il-Laqgha Generali Annwali taghha.***(sottolinjar tar-rikorrent)

*Kontra l-impressjoni li nghatat fi twegiba bl-avukat fl-ahhar jiem, il-kunsill tal-Assocjazzjoni tal-Ghaqdiet Mhux Governattivi Ghawdxin, fejn huwa involut it-"tahwid" tal-kandidat novizz Nazzjonalista Ryan Mercieca, mhux biss huwa kostitwit kontra I-istatut tal-istess ghaqda, iżda sahansitra jinsab taht il-lenti tal-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji l-Professur Kenneth Wain.*

*Investigazzjonijiet mit-TORCA fil-każ li jiccirkonda lil din l-akbar ghaqda Ghawdxija u li tiehu hsieb tapplika ghal eluf kbar ta' fondi Ewropej f'isem ghaqdiet membri, kixfu li hu minnu li t-13-il kandidat fl-elezzjoni tal-kunsill tal-Assocjazzjoni nghataw biss mandat temporanju ta' tliet xhur li matulhom irid jinbidel l-istatut.*

*Jirriżultalna li l-istatut attwali wkoll ma jippermettix li jkun hemm izjed minn 11-il membru fil-kunsill, ilkoll rappreżentanti ta' ghaqdiet membri li fl-ewwel lok ikunu jridu jinnominawhom u anke jissekondawhom.*

*Wara dik is-suppost elezzjoni tal-15 ta' Jannar li qatt ma sehhet, kienet it- TORCA stess li zvelat li l-assocjazzjoni bdiet titmexxa minn kumitat caretaker. Minkejja dan, stqarrija bla firma, izda mibghuta mill-Avukat Alfred Grech f'isem l-Assoćjazzjoni, čahdet dan u nsistiet li l-kunsill gie elett ghall-perjodu shih ta' tliet snin.*

*Issa jirriżultalna li l-Ufficcju tal- Kummissarju Wain ordna lill-istess Assocjazzjoni biex ma tiehu l-ebda deciżjoni ohra b'rabta ma kull attività jew avveniment.*

*Korrispondenza mibghuta permezz ta' avukat lill-assocjazzjoni, prattikament t'obbliga t-trazzin tal-ghaqda milli tkompli tiffunzjona kif suppost "sakemm isiru l-investigazzjonijiet necessarji". Minbarra tahwid minn Mercieca biex izomm is-siggu tieghu u jsahhu fuq l-istess kunsill bil-ghan li jaghtih imbottatura tajba fl-elezzjoni generali li jmiss, inkluż bl-involviment ta' ghaqdiet li ma jeżistux jew minn wara daharhom, jirrizulta li Mercieca ntalab jaghti rendikont dwar flejjes li kien jitlob lill-ghaqdiet bhala "spejjeż" halli jkun jista' japplikalhom ghal fondi Ewropej. Mercieca fetah kawża ta' libell kontra din il-gazzetta dwar din l-istorja.*

*Minkejja dan, gimgha biss wara gie żvelat minna li dan il-kandidat li qed jigi mbottat mill-Kap Nazzjonalista Simon Busuttil u appogjat mill-kanvażers ta' żewg eks-Ministri Nazzjonalisti,* ***Giovanna Debono u Anton Tabone, kien ukoll involut fl- "ghibien" ta' aktar minn €500 li ngabru f'attività tal- Kunsill Ghawdxi taż-Zghażagh (GYC) fejn ukoll jokkupa kariga ufficjali, dik ta' Projects Manager.*** (sottolinjar tar-rikorrent)

*Il-flus imweghdin lil ghaqda partikolari tal-karità kienu originarjament €800, iżda fi twegiba ohra mibghuta kumbinazzjoni minn Dr Alfred Grech f'isem il-GYC, jinghad li €300 kienu spejjeż tal-attività.*

*Fit-tweğiba wkoll mhux iffirmata, l-GYC jishaq li ghandu rcevuta ghall ghotja tal-karità, meta sorsi li tkellmu mat-TORCA sahqu li mhux veru nharget ircevuta lill-GYC ladarba dawn ippreżentaw ruhhom b'envelopp vojt dakinhar li kellhom jaghmlu dan il-gest nobbli ma' ghajrhom. La l-€500 u wisq inqas it-€800 ma kinux waslu fejn kienu intenzjonati.*

*Minhabba li rcevuti msemmijin fl-istess twegiba skont il-Ligi tal-Istampa ma kinux annessi, it-talba biex din tigi ppubblikata kif tesigi l-ligi ma ntlaqghetx mit-TORCA. Imejl lill-avukat in inkwistjoni biex ifornihom qabel inkunu nistghu nikkunsidraw it-talba fil-pubblikazzjoni taghna ma twigbietx.*

*Sadanittant il-kanvażer ta' Mercieca, Saviour Grech, li kien qed jigi mbottat minn tal-ewwel ghall-Assočjazzjoni tal-NGOs Ghawdxin, u llum jaghmel parti mill-kunsill finta, fl-ahhar jiem čempel fl-uffičini tat-TORCA biex jiggustifika ruhu li hu kien innominat mill-Ghaqda Filatelika Ghawdxija u mhux mill-kor Voci Angelici tax-Xaghra, kif irrapportat minna. Ghalkemm Grech wieghed li jibghat twegiba bil-miktub, din bagghet qatt ma waslet Voci Angelicdxija ghandna.*

*F'kuntatt telefoniku li ghamilna ma Dr Joshua Grech, li fuq talba tal-Assocjazzjoni tal-NGOs serva bhala Cermen dakinhar li kellha ssir l-elezzjoni, ukoll ikkonferma mat-TORCA li ma nhatar l-ebda kunsill regolari.*

*"Minhabba li kien hemm problemi b'certi nomini li tressqu, riżultat ta' differenza teknika fl-istatut fil-verzjonijiet bl-Ingliz u l-Malti tieghu, intlagghet mozzjoni li t-13-il kandidat iservu fil-kunsill bl-intiza li wara tliet xhur titlaqga' Laggha Generali ohra u jigi emendat l-istatut," tenna Dr Joshua Grech. Meta mistoqsi speċċifikament allura li, kontra dak li tghid twegiba tal-Assocjazzjoni, il-kunsill li hemm huwa biss temporanju, Dr Grech ikkonferma.*

*Mistoqsijiet li ntbaghtu lill-Ufficcju tal-Kummissarju Wain baqghu mhux imwiegba sakemm morna ghall-istampa.*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fid-29 ta' Frar 2016 fejn, ghal dak laqa' ghal dak mitlub billi eccepixxa s-segwenti

*1. Illi prelimarjament ir-Rikorrent irid jispecifika dak li nizzel fl-AVVIZ li hu generiku*

*2. Illi fil-kitba in kwistjoni m'hemmx ingurja izda biss fatti u kummenti dwar l-istess*

*3. Ili hu dritt tal-pubbliku li jkun jaf x'inhu ghaddej, iktar u iktar illum li qed nitkellmu fuq trasparenza u dan id-dritt ghandu bhala korrispettiv tieghu d-dmir ta' editur bhal esponent li jzomm lill-qarreja mgharfa b'dak kollu li jkun ghaddej fil-pajiz u jkun ta' nteress pubbliku bla ebda nvazzjoni tal-hajja privata ta' dak li jkun.*

*4. Illi l-kitba li minna qed jilminta r-rikorrent m'hi xejn ghajr value judgments fuq fatti.*

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Ryan Mercieca** moghtija fil-11 ta' Lulju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ta' **Gracie Vella** u **Marion Rita Portelli** ippresentati mir-rikorrenti fil 11 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Grech**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis 7 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Emman Borg**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis 7 ta' Novembru 2016.

Rat illi fis 7 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Camilleri**, prodott mill-intimat, bhala Tezorier tal-Gozo NGO's Association, u moghtija fit 23 ta' Jannar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata. (fol 89 sa 128)

Semghet ix-xhieda ta' **John Camilleri**, Chairman tal-Bord tal-Amministraturi tal-Malta Community Chest Fund, prodott mill-intimat u moghtija fis 16 ta' Marzu 2017, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Lisa Marie Brooke**, li tiehu hsieb l-ufficjju tal-Community Chest Fund gewwa Ghawdex, moghtija fit 23 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Camilleri in kontro ezami moghtija fit 22 ta' Jannar 2018.

Rat illi fid-19 ta' Frar 2018 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 28 ta' Mejju 2018.

Rat illi fit-28 ta' Mejju 2018 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fil-mument illi kienu gew ippubblikat l-artikoli meritu tal-kawza odjerna, kien Segretarju Generali tal-Assocjazzjoni tal-Organizazzjonijiet Mhux Governattivi Ghawdxin, kif ukoll kien Kandidat ghall-Elezzjoni Generali tas-sena 2018 ghall-Partity Nazzjonalista u kien hieger fid-distrett ta' Ghawdex.

Jirrizulta illi r-rikorrent nieda l-proceduri odjerni abbazi ta' artikolu illi deher fil-gurnal it-Torca fl-24 ta' Jannar 2016 intitolat "**Stilla tal-PN f'tahwida dwar Fondi tal-EU**" fejn huwa hassu malafamat ghal fatt illi kien gie allegat illi kien qieghed jirrifjuta talba tal-Assocjazzjoni illi jghaddi dokumentazzjoni relatati ma' finanzi kif ukoll illi kien ikkontesta ghall-kariga fl-Assoccjazzjoni fuq nomina ta' ghaqda, 'Chorus Angelicus' waqt illi "hadd mill-kor ... lanqas l-Arcipriet tax-Xaghra" ma kienu jafu li kien nominat fuq l-Assocjazzjoni minn tali ghaqda.

Jirrizulta illi, fil-mori tal-kawza, r-rikorrent ghamel referenza ghall tlett artikoli ohra illi kienu gew ippubblikati fil-mori tal-kawza, u talab lill Qorti tinkludi tali artikoli fit-talba tieghu promotur, liema talba ma gietx opposta mill-intimat.

Jirrizulta illi fl-artikolu intitolat "**Jirnexxilu jghosfor anke karita**" ippubblikat fit-Torca tal-31 ta' Jannar 2016, ir-rikorrent ihossu malafamat ghall-allegazzjonijet li saru fejn jinghad illi flejjes migbura ghall-karita' attwalment ma kienux inghataw u, ghalkemm kien indikat li ngabru €800 ghall-karita, kien gie indikat li attwalment kienu ser jinghaddew €500, liema somma izda ma kienetx inghaddiet.

Jirrizulta illi fl-artikolu intitolat "**Ryan Mercieca kien jitlob personalment il-flus lill-ghaqdiet**" ippubblikat fit-Torca tas-7 ta' Frar 2016, ir-rikorrent hassu malafamat ghal fatt illi kien gie allegat illi hu kien qed jigbor il-flus minghand l-ghaqdiet illi kienu membri fl-Assocjazzjoni sabiex japplikalhom ghall-fondi tal-EU, liema talba kienet qed tqajjem suspetti f'xi persuni dwar ghaliex kellu l-kariga ta' Segretarju Generali tal-Assocjazzjoni.

Jirrizulta, finaliment, illi fl-artikolu intitolat "**Tahwid taht investigazzjoni**" ippubblikat fit-Torca tal-14 ta' Frar 2016, ir-rikorrent hassu malafamat ghall-fatt illi kien qieghed jigi allegat li l-Kummissarju ghall-Organizazzjonijet Volontarji kien qed jinvestiga l-Assocjazzjoni u li kien ordna it-trazzin tal-Assocjazzjoni filwaqt illi gie allegat, ghal darba ohra, illi r-rikorrent kien involut fl-ghejbien ta' €500.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, in difiza tal-posizzjoni tieghu, apparti x-xhieda tieghu, ppresenta dokumentazzjoni relatata mal-Laqgha Generali tal-Assocjazzjoni mizmuma fil-15 ta' Jannar 2016 (fol 34-39), dokumentazzjoni relatata ma' progett illi ghalih ingiebu fondi mill-European Agricultural Funds for Rural Development, liema dokumentazzjoni hija parzjalment illegibbli (fol 40 – 49), u dokumentazzjoni dwar nomina tieghu ghall-Assocjazzjoni maghmulha minn Grace Vella ghall Kor Angelicus Choir datata 30 ta' Dicembru 2015 (fol 50)

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent ippresenta l-affidavit ta' Gracie Vella u Maria Rita Portelli, President u Segretarja tal-Kor Voci Angeliche kif ukoll tella bhala xhud lill Saviour Grech, President tal-Assocjazzjoni tal-Organizazzjonijiet Mhux Governattivi Ghawdxin u Eman Borg rappresentant tal-LGBTI u Gozo Rugby Club.

Jirrizulta illi r-rikorrent ippresenta wkoll kopja ta' affidavit ta' Eman Borg kif ukoll ricevuta mahruga mill-Malta Community Chest Fund, Ricevuta Nru 6897 in konnessjoni ma attivita bl-isem ta' 'Ejja Nirbhu Marathom' fejn gew moghtija €524.23, li ggib id-data tal-11 ta' Jannar 2016 (fol 56) u dokumentazzjoni ohra relatati ma' l-ispejjez ta' tali attivita'.

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrent ippresenta kopja ta' rapport datat 13 ta' Jannar 2016 mahrug mill-Awditur Sharon Zammit in konnessjoni mal-MOSART Project. (fol 59)

Jirrizulta illi ghajr ghal dawna l-provi, huwa ma ressaq ebda prova ohra.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, min-naha tieghu, l-intimat ressaq bhala xhieda lill Joseph Camilleri, Tezorier tal-Assocjazzjoni tal-Organizazzjonijiet Mhux Governattivi Ghawdxin li ressaq varji dokumentazzjoni in konnessjoni mal-finanzi tal-Assocjazzjoni kif ukoll pagamenti illi saru in konnessjoni mal-progett MOSART. Huwa ressaq ukoll korrispondenza illi sehhet wara li bdew il-proceduri odjerni, ossija fil 31 ta' Awissu 2016. (fol 124-125)

Jirrizulta illi l-intimat ressaq ukoll lill John Camilleri u Marie Lisa Brooke, bhala rappresentanti tal-Malta Community Chest Fund, illi ppresentaw l-original u kopja fotostatika bil-kulur ta' ricevuta Nru 6897 in konnessjoni ma attivita bl-isem ta' 'Ejja Nirbhu Marathom' fejn gew moghtija €524.23, li ggib id-data tal-1 ta' Frar 2016 (fol 142) u email datata 1 ta' Frar 2016 fejn huwa kkonfermat illit ali flejjes kienu ser jinghaddew dakinhar minn Eman Borg. (fol 160)

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, in succint, l-allegazzjonijiet principali migjuba kontra r-rikorrent fl-erbgha artikoli fuq prodotti huwa tlieta:

- illi naqas milli jghaddi dokumentazzjoni finanzjarja in konnessjonji ma' progett
- illi nies tal-kor u l-Arcipriet tax-Xaghra ma kienux a korrent illi r-rikorrent kien gie nominat mill-Kor Angelicus ghal fuq l-Assocjazzjoni tal-Organizazzjonijiet Mhux Governattivi Ghawdxin; u
- illi ma kienx ghadda l-flus migbura f'attivita' lill entita' li kellhom jircievu tali flejjes.

Jirrizulta, illi fid-difza tieghu, in succint, l-intimat qieghed jikkontendi illi huwa kkummenta dwar fatti illi huma ta' interess pubbliku u l-kummenti tieghu kienu 'value judgments'.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti thoss illi, qabel ma taghmel il-konsiderazzjoniet taghha, ghandha taghmel is-segwenti riflessjonjiet.

Fuq id-dritt tal-gurnalist illi jirrapporta dak li jidhirlu xieraq u korrett, fil-kawza '***Axel Springer AG vs Germany***', deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2012, il-Qorti ghamlet referenza ghall-principji generali li jirregolaw il-liberta' ta' l-espressjoni w il-gurnalist, kif ukoll introduciet serje ta' kriterji li kellhom jigu kkunsidrati sabiex jigi meqjus il-bilanc li ghandu jitlahaq bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u d-dritt tal-individwu privat li jkollu r-reputazzjoni tieghu protetta, fejn qalet is-segwenti:-

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual’s self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to “information” or “ideas” that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no “democratic society”. As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Fuq ir-rwol li ghandu jkollu gurnalist fil-qasam tal-liberta ta' l-espressjoni, l-Qorti tghid is-segwenti:

> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of “public watchdog”.*
>
> *80. This duty extends to the reporting and commenting on court proceedings which, provided that they do not overstep the bounds set out above, contribute to their publicity and are thus consonant with the requirement under Article 6 § 1 of the Convention that hearings be public. It is inconceivable that there can be no prior or contemporaneous discussion of the subject matter of trials, be it in specialised journals, in the general press or amongst the public at large. Not only do the media have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. (sottolinear ta’ dina l-Qorti)*
>
> *81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.*

Il-posizzjoni importanti tal-gurnalist u d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni ghandha, madanakollu, tigi bilancjata bi drittijiet u obbligi fuq l-istess gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, u, di fatti, il-Qorti, dwar tali doveri da' parte tal-gurnalist, tghid hekk:

> *82. However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

In vista ta' dawna l-fatti, il-Qorti ghandha tiehu illi jintlahaq bilanc necessarju bejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem niedet sitt kriterji importanti sabiex jigi assikurat illi, kif tghid il-Qorti, "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*".

Dawna l-kriterji kif stabbiliti huwa s-segwenti:

> ***(α) Contribution to a debate of general interest***
>
> *90. An initial essential criterion is the contribution made by photos or articles in the press to a debate of general interest. The definition of what constitutes a subject of general interest will depend on the circumstances of the case. The Court nevertheless considers it useful to point out that it has recognised the existence of such an interest not only where the publication concerned political issues or crimes, but also where it concerned sporting issues or performing artists. However, the rumoured marital difficulties of a president of the Republic or the financial difficulties of a famous singer were not deemed to be matters of general interest*
>
> ***(b) How well known is the person concerned and what is the subject of the report?***
>
> *91. The role or function of the person concerned and the nature of the activities that are the subject of the report and/or photo constitute another important criterion, related to the preceding one. In that connection a distinction has to be made between private individuals and persons acting in a public context, as political figures or public figures. Accordingly, whilst a private individual unknown to the public may claim particular protection of his or her right to private life, the same is not true of public figures. A fundamental distinction needs to be made between reporting facts capable of contributing to a debate in a democratic society, relating to politicians in the exercise of their official functions for example, and reporting details of the private life of an individual who does not exercise such functions.*
>
> *Whilst in the former case the press exercises its role of "public watchdog" in a democracy by imparting information and ideas on matters of public interest, that role appears less important in the latter case. Similarly, although in certain special circumstances the public's right to be informed can even extend to aspects of the private life of public figures, particularly where politicians are concerned, this will not be the case – even where the persons concerned are quite well known to the public – where the published photos and accompanying commentaries relate exclusively to details of the person's private life and have the sole aim of satisfying the curiosity of a particular readership in that respect. In the latter case, freedom of expression calls for a narrower interpretation.*

> ***(c) Prior conduct of the person concerned***
>
> *92. The conduct of the person concerned prior to publication of the report or the fact that the photo and the related information have already appeared in an earlier publication are also factors to be taken into consideration. However, the mere fact of having cooperated with the press on previous occasions cannot serve as an argument for depriving the party concerned of all protection against publication of the report or photo at issue.*
>
> ***(d) Method of obtaining the information and its veracity***
>
> *93. The way in which the information was obtained and its veracity are also important factors. Indeed, the Court has held that the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith and on an accurate factual basis and provide "reliable and precise" information in accordance with the ethics of journalism.*
>
> ***(e) Content, form and consequences of the publication***
>
> *94. The way in which the photo or report are published and the manner in which the person concerned is represented in the photo or report may also be factors to be taken into consideration. The extent to which the report and photo have been disseminated may also be an important factor, depending on whether the newspaper is a national or local one, and has a large or a limited circulation.*

Finalment, in vista tal-fatt illi r-rikorrent huwa persuna politika, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza ***Ligens vs Austria***, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and*

> *knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Finalment, kif qalet dina l-Qorti kif ppresjeduta fil-kawza **Norman Lowell vs Saviour Balzan et** deciza fil 5 ta' Ottubru 2015

> *Jirrizulta ampjament ippruvat illi r-rikorrent huwa persuna politika u ghalhekk, skond gurisprudenza ben stabbilita, huwa soggett ghall-livell ta' kritika ampja jekk mhux anke provokattiva, peress illi, ladarba persuna taghzel li taghti servizz fil-hajja pubblika bhala politiku, huwa ghandu jkun lest illi jigi kritikat ghall-kummenti u veduti tieghu, liema kritika tista tkun anke harxa, peress illi huwa essenzjali ghall-pajiz demokratiku bhalma hija dik Maltija illi jigi assikurat li mhux biss kullhadd ghandu d-dritt ta' liberta ta' espressjoni, izda, aktar u aktar, illi kullhadd ikollu wkoll id-dritt illi jigi mgharraf dwar kull informazzjoni u fatt li tista b'xi mod, tolqot il-kredibilita' ta' persuna politika.*

Il-Qorti thoss illi ghandha ukoll taghmel referenza ghal dak illi qalu l-qrati taghna, dwar gurnalizmu investigattiv, u ghalhekk issir referenza ghal illi stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** deciza fit-3 ta' Frar, 2012:

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, kif gia indikat aktar 'l fuq, in succint, l-allegazzjonijiet principali li dwarhom ihossu malafamat ir-rikorrent fl-erbgha artikoli fuq prodotti huwa tlieta:

- illi naqas milli jghaddi dokumentazzjoni finanzjarja in konnessjonji ma' progett
- illi nies tal-kor u l-Arcipriet tax-Xaghra ma kienux a korrent illi r-rikorrent kien gie nominat mill-Kor Angelicus ghal fuq l-Assocjazzjoni tal-Organizazzjonijiet Mhux Governattivi Ghawdxin; u
- illi ma kienx ghadda l-flus migbura f'attivita' lill entita' li kellhom jircievu tali flejjes.

### *Dokumentazzjoni*

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa ghadda d-dokumentazzjoni kollha in rigward il-progett illi huwa kellu f'idejh u ghalhekk ma huwiex minnu illi kien intalab dokumentazzjoni u ma kienetx giet minnu mghoddija.

Jirrizulta illi, in sostenn ta' dan, ir-rikorrent jippresenta dokument redatt mill-Awditur Sharon Zammit, illi **qatt** ma ttellghet l-Qorti sabiex tikkonferma l-veracita' tad-dokument, liema dokument igib id-data tat-13 ta' Jannar 2016, u li jaghmel referenza ghal zewgt progetti, ossija 'Mosart' u

'Benniena ta' Drawwiet' fejn jinghad illi kienu nstabu r-ricevuti kollha ghall-pagamenti illi kienu saru. (fol 59)

Jirrizulta, madanakollu, illi skond il-minuti tal-laqgha Generali tal-Assocjazzjoni illi nzammet fil-15 ta' Jannar 2016, huwa rapportat dan li gej: (fol 35-36)

> *Mr Joseph Camilleri, outgoing Treasurer, presented the Financial Statement for the 2015 Calendar and Financial Year. He informed the meeting that the auditor has still not yet completed the audit report of the Association's Accounts and the resulting Financial Statements. Consequently the Association's Audited Accounts will be presented in the next AGM."*

Jirrizulta ukoll illi, fl-1 ta' Settembru 2016, jigifieri wara illi giet ippresentata l-kawza odjerna, Saviour Grech, President tal-Assocjazzjoni, baghat email lill Ryan Mercieca fejn qallu dan li gej: (fol 124)

> *Dear Ryan,*
>
> *No one is pointing fingers at any one. As you know several meetings both formal and informal to discuss all outstanding Gozo NGOs issues.*
>
> *The problem is that at no instance have complete files been presented, consequently a laborious file building process has been initiated. Unfortunately this file building process has to be completed or at least enough watertight documentation has to be produced so as to ensure that once any payments are made there would no be further claims against the Gozo NGOs Assoclation.*
>
> *Since as you have declared, in an other email, that you have all the required documentation we can proceed to deal with the MITA SPP 2015 placement issue.*
>
> *I will be at Gozo NGOs Cente next Monday 11am to 1pm.*

Jirrizulta, minn tali fatti, illi mhux talli d-dokumentazzjoni kollha ma kienetx inghaddiet, izda talli, sa anke wara li nfethet il-kawza odjerna, d-dokumentazzjoni kollha kienet ghadha ma inghaddietxu kien biss wara hafna insistenza da' parte ta' Saviour Grech, President tal-Assocjazzjoni, illi r-rikorrent ghadda d-dokumentazzjoni.

Il-Qorti, ukoll tosserva illi huwa inverosimili illi ssir dikjarazzjoni waqt laqgha generali li r-rapport tal-Awditur ma kienx lest meta, kif jikkontendi r-rikorrent, jumejn qabel allegatament l-istess Awditur kienet harget ittra tghid illi l-flejjes tal-progetti tal-EU kienu kollox kif suppost.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi kieku t-Tezorier kellu fil-pussess tieghu tali ittra, kien isir referenza ghaliha fil-minuti, u ghalhekk il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita' tad-data tal-ittra fuq imsemmija, aktar u aktar in vista ta' falsifikazzjoni cara ta' dokument mghoddi lill dina l-Qorti mir-rikorrent u li dwarha ser issir referenza aktar 'l quddiem.

**Kor Angelikus**

Ir-rikorrent jikkontendi illi huwa kien nominat mill-Kor Angelikus u ghalhekk ma kienx minnu illi hadd ma kien jaf illi huwa kien nominat minnhom. In sostenn ta' dak li kien qed jghid, huwa

pproduca lill Gracie Vella u Maria Rita Portelli, President u Segretarja tal-Kor Voci Angeliche, sabiex jikkonfermaw in-nomina tieghu.

Il-Qorti, madanakollu, illi tosserva illi l-artikolist ma jghidx illi l-President u s-Segretarja tal-Kor ma kienux jafu, izda jghid illi membri tal-Kor kif ukoll, u aktar u aktar, l-Arcipriet tax-Xaghra, ma kienux jafu bin-nomina tieghu.

Il-fatt illi l-President u s-Segretarja jiddikjaraw li huma kienu nnominaw lir-rikorrent ma jfissirx illi l-persuni tal-Kor u l-Arcipriet tax-Xaghra kienu attwalment jafu b'dana l-fatt, u ghalhekk ir-rikorrent ma ressaq ebda prova sostanzjali biex tikkontradici dak illi allega l-artikolist, ossija illi membri tal-kor u l-Arcipriet tax-Xaghra ma kienux jafu.

## Nuqqas ta' hlas ta' flejjes ghall-karita'

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi f'Ottubru tas-sena 2015, il-Kunsill Zghazagh Ghawdxin, li mieghu r-rikorrent kien involut f'progett tal-EU, kien organizza attivita bl-isem ta' 'Ejja Nirbhu Marathom' fejn ingabru somma flus bien jinghataw lill Malta Community Chest Fund.

Jirrizulta illi ghalkemm tali flejjes kellhom jinghataw ghall-Istrina, jigifieri sa Dicembru tas-sena 2015, jirrizulta illi dawna flejjes sussegwetement gew mghoddija wara l-attivita ta' l-Istrina.

Jirrizulta illi r-rikorrent ippresenta ricevuta illi ggib id-data tal-11 ta' Jannar 2016 fejn gew moghtija €524.23 (fol 56) u ghalhekk jikkontendi illi, meta nkiteb l-artikolu fl-24 ta' Jannar 2016, ma kienx minnu illi tali flejjes ma inghaddewx.

Jirrizulta, izda, li fix-xhieda ta' Lisa Marie Brook, rappresentanta tal-Malta Community Chest Fund, hija kkonfermat illi attwalment il-flejjes gew mghoddija fl-1 ta' Frar 2016, u ta' dan hija ppresentat email datata 1 ta' Frar 2016 u, aktar importanti, ippresentat il-ktieb originali 'animo ritirandi' fejn ikkonfermat illi l-kopja pprodvuta mic-Chairman tal-Malta Community Chest Fund, John Camilleri u li ggib id-data tal-1 ta' Frar 2016 kienet kopja tal-original, liema original kien jikkonferma illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti, il-hlas illi kellujsir f'Dicembru sar fl-1 ta' Frar 2016.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrent ippresenta dokument imbaghbas u minnu niffsu jizvija kemm lill-Qorti kif ukoll kull min jarah sabiex jaghti l-impressjoni illi l-flejjes kienu inghaddew qabel ma gie allegat mill-artikolist illi ma kienux inghaddew.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mal-Kunsill Zghazagh Ghawdxin, izda meta xehed ir-rappresentant tal-istess Kunsill, ossija il-Vici President Eman Borg, huwa giex mitlub jikkonferma illi r-rikorrent, li kien gia President tal-Kunsill Zghazagh Ghawdxin, ma kellux aktar x'jaqsam ma' l-istess Kunsill.

Kien jispetta ghar-rikorrent jipprova illi, ghalkemm kien gia President tal-Kunsill fis-sena 2014, issa ma kellu x'jaqsam xejn aktar ma' tali Kunsill.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-assjem tal-provi, illi ghalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi ma kien minnu xejn dak illi kien qieghed jigi allegat, dana ma kienx minnu.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrent kien l-unika persuna illi jiehu hsieb il-finanzi tal-progetti tal-EU, illi kienu jinvolvu eluf kbar ta' flus, liema flus, ghalkemm kienu jghajtu lill-Assocjazzjoni, kien jiehu hsiebhom kollha hu u kienu jigu ndirizzati lilu w l-Assocjazzjoni, tramite il-President u t-Tezorier taghha, kienet tohrog 'blank cheques' lilu illi mbghad kienu jinktibu fl-eluf minnu kif ukoll gie moghti pagamenti tal-eluf ta' euros f'ismu personalment mill-istess Assocjazzjoni.

Jirrizulta wkoll illi huwa minnu illi fil-laqgha Generali tal-Assocjazzjoni, dokumentazzjoni finanzjarja ma kienux kompletati u ghalhekk ma setghux jigu ppresentati fil-hin w dokument allegatament redatt mill-awditur jumejn qabel tali Laqgha Generali ma jissemmiex u qatt ma gie kkonfermat bil-gurament quddiem dina l-Qorti.

Jirrizulta wkoll illi flejjes illi kellhom jigu mghoddija ghal karita' ma inghaddewx sakemm gie ppubblikat l-ewwel artikolu meritu tal-kawza u giet ppresentata ricevuta imbaghbsa sabiex tinghata l-impressjoni illi attwalment tali flejjes kienu inghaddew.

Jirrizulta, finalment, illi l-Assocjazzjoni kienet qed tirregistra problemi dawk iz-zminijet waqt illi kienet taht it-tmexxija tieghu bhala Segretarju Generali, tant illi kienet anke giet investigata mill-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Jirrizulta, ghalhekk, illi mill-assjem tal-fatti prodotti, illi dak miktub mill-artikolist fl-artikolu originalment indikat fl-avviz promotur, kif ukoll fl-artikoli susegwenti illi r-rikorrent, b'talba ad hoc illi ghamel li ghaliha ma oggezzjonax l-intimat, indika f'tali kaz, ghandu mill-veru, u ghalkemm jista jkun hemm xi fatti illi forsi ma humiex daqstant korrenti, minkejja l-investigazzjoni dettaljata illi ghamel l-artikolist, fl-assjem taghhom il-fatti kienu sostanzjalment korretti, u ghalhekk kummenti dwarhom certament ma jistghux jitqiesu bhala malafamanti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha, u

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur